# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, l-Erbgħa 30 ta' Settembru, 2020**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 638/20 TA**

**Maleth Aero (AOC) Limited, Apron 3, Malta International Airport, Luqa, LQA 3290**

**vs**

**KV MSN 28733 Aircraft Designated Activity Company, 3rd Floor, 19-20, City Quay, Dublin 2, Ireland**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Maleth Aero (AOC) Limited tat-3 ta' Ġunju 2020;

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Ġunju 2020;

Rat ir-risposta ta' KV MSN 28733 Aircraft Designated Activity Company tat-22 ta' Settembru 2020;

Rat l-atti u dokumenti kollha ta' dawn il-proċeduri;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors fis-seduta tal-24 ta' Settembru, 2020;

Rat li r-rikors tħalla għal digriet *in camera*.

**Konsiderazzjonijiet**

Is-Soċjeta' rikorrenti qegħdha titlob il-ħruġ ta' mandat ta' inbizzjoni sabiex iżżomm lis-Soċjeta' intimata, propjetarja tal-ajruplan tal-marka Boeing, kif aħjar deskritt fir-rikors promotur, milli bi kwalunkwe mezz tirreġistra jew tiddereġistra fir-Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru fi ħdan l-Awtorita' tat-Trasport ta' Malta jew b'xi mod ieħor teffetwa trasferiment lil terzi. Din it-talba qed tintalab mis-Soċjeta' rikorrenti biex tikkawtela u tqiegħed fiż-żgur pretensjoni fl-ammont ta' €616,881.93.

**L-artiklu 865A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta**

L-ewwel punt sollevat mis-Soċjeta' intimata huwa wieħed prettament legali. Is-Soċjeta' intimata targumenta li artikolu 865A(1) tal-Kap 12 jiddisponi li *Mandat ta' arrest kawtelatorju ta' inġenji tal-ajru jista' jinħareġ unikament biex jitqgħiedu fiż-żgur dejn jew pretensjonijiet, kemm in personam jew in rem li bit-tluq tal-imsemmi inġenji tal-ajru jistgħu jiġu skartati u ma jkun jista'jinħareġ ebda mandat ieħor kontra l-inġenji tal-ajru jekk mhux mandat ta' arrest.*

Fil-fehma ta' din il-Qorti, minn eżami ta' dan l-artikolu, dak li jrid jevita l-leġislatur hu, li inġenji tal-ajru jistgħu biss ikunu miżmuma, u ċioe' li ma jkunux jistgħu jittajru jew jiċċaqalqu minn post għall-ieħor jekk mhux b'mandat ta' arrest u b'ebda mandat ieħor. Ad eżempju, mandat ta' qbid jew mandati oħra li jwasslu għall-arrest fattwali tal-inġenji tal-ajru ma jistgħux jinħarġu.

Fil-proċeduri li għandha quddiemha din il-Qorti ma humiex indirizzati biex iżommu l-inġenji tal-ajru arrestati. Dak li qed titlob is-Soċjeta' rikorrenti huwa biss indirizzat lejn it-trasferiment ta' kull interess propjetarju li għandha s-Soċjeta' intimata u li bis-saħħa ta' dan l-interess għandha s-setgħa qua propjetarja li titrasferixxi jew tagħti struzzjonijiet ta' reġistrazzjoni jew dereġistrazzjoni tal-ajruplan fuq imsemmi. Li s-Soċjeta' intimata hija propjetarja tal-ajruplan mhux kontestat minnha.

Dan ifisser li b'dak li qed titlob is-Soċjeta' rikorrenti mhux ser iwassal għall-arrest tal-inġenji tal-ajru. Li kieku l-mandat ta' inibizzjoni kellu talbiet li jwasslu għall-arrest effettiv tal-ajruplan, bħal per eżempju talba biex l-ajruplan ma jittajjarx jew jiġi miżmum, allura f'dak il-każ, l-argumenti f'dan ir-rigward tas-Soċjeta' intimata kienu jkunu fondati.

Għalhekk dan l-argument tas-Soċjeta' intimata ma hux suffragat minn dak li speċifikament trid tevita l-liġi u ser ikun respint.

**Preġudizzju irrimedjabbli u eċċessivita' tal-ammont mitlub**

Huwa minnu li bosta huma dawk is-Sentenzi li jistabilixxu li meta l-mandat ikun mitlub biex tkun kawtelata pretensjoni kwantifikabbli għandu sa fejn ikun possibbli ma jintlaqax. Imma dan ma jfissirx li din hija regola fissa b'mod partikulari meta ma jirrisultax li hemm assi oħra li jistgħu jagħmlu tajjeb għall-pretensjoni.

Is-Soċjeta' intimata kellha kull opportunita' biex tipprova li kien hemm xi alternattiva oħra biex ikunu suffiċjentement kawtelati l-pretensjonijiet tas-Soċjeta' rikorrenti. Din hija sitwazzjoni analoga għal dik ta' mandat ta' sekwestru. Il-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tas-sekwestrant jaqa' kompletament f'idejn is-sekwestrat. (**ara Digriet tal-1 ta' Lulju 2019 per RGM fl-ismijiet Joseph Manwel Galea -vs- Anthony Schembri**). Di piu' kif ingħad fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet **Ranger Company Ltd vs Euro Imports Ltd, Ċit Nru 1366/2002 TM deċiż fl-20 ta' Frar 2003,** '*tali garanzija trid tkun waħda soda, ċara u realiżżabbli lill-eżekutant'*.

Is-Soċjeta' intimata targumenta ukoll li hi għandha pretensjoni oħra kontra s-Soċjeta' rikorrenti u bħala prova esebiet ittra tal-10 ta' Lulju 2019 (a' fol 69). Fiha tgħid li da parti tagħha hija ukoll kreditriċi tas-Soċjeta' rikorrenti mingħajr ma jissemma' ebda valur. Il-valur issemma' impliċitament fir-risposta għar-rikors promotur billi tgħid li meta l-ammonti li għandha tieħu

jistgħu jkunu paċuti u jibqa' biss bilanċ favur is-Soċjeta' rikorrenti ta' €30,000.

F'dan ir-rigward il-Qrati tagħna dejjem sostnew li "l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwistjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat" (**P.A., 25.08.2010, deċiżjoni fl-ismijiet Francis Spiteri *et. vs.* Charles Darmanin *et.*).** Bl-argument li qed tqanqal is-Soċjeta' intimata qed tistieden il-Qorti biex tidħol f'mertu li huwa riservat għall-eżami *ad funditus* mill-Qorti li tiġi adita għalhekk. L-eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa wieħed prima facie u li kull ma hemm bżonn hu, li mad-daqqa t'għajn min qiegħed jitlob il-ħruġ tal-mandat ikun jidher li għandu xi pretensjoni x'jikkawtela. (ara **P.A., 09.12.2014, deċiżjoni fl-ismijiet V.G. Tiles Company Limited et., *vs.* Sier & Sons Limited *et***).

L-argument ta' tpaċija imressaq mis-Soċjeta' intimata jsaħħaħ il-fehma ta' din il-Qorti, li s-Soċjeta' rikorrenti tassew għandha *prima facie* jedd xi tħares. Dan qiegħed jingħad, għaliex min iqanqal it-tpaċija ikun sa ċertu punt qed jammetti l-kreditu tal-kreditur (ara **"Borg noe vs Buckle noe", deċiża minn din il-Qorti fit-12 ta' Diċembru, 2002, u "Rota vs Hair", deċiża wkoll minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar, 2003**).

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, fil-waqt li **qed tikkonferma** d-digriet provvisorju tagħha tat-3 ta' Ġunju 2020, din il-Qorti qegħdha **tilqa'**

**definittivament** it-talbiet tas-Soċjeta' rikorrenti Maleth Aero (AOC) Limited kif mitluba fir-rikors tagħha tat-3 ta' Ġunju 2020 u tordna l-ħruġ ta' mandat ta' Inibizzjoni kontra s-Soċjeta' intimata KV MSN 28733 Aircraft Designated Activity Company biex tiġi inibita milli tagħmel dawk il-ħwejjeġ imsemmija fir-rikors promotur.

Tordna li dan id-digriet jiġi notifikat (1) lill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta (Direttorat Avjazzjoni Ċivili) u (2) Direttur tal-Avjazzjoni Ċivili.

Spejjes ta' dawn il-proċeduri a' karigu tas-Soċjeta' intimata.

**Mogħti kameralment illum, 30 ta' Settembru, 2020**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**